# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**AĠENT PRESIDENT**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' April, 2023.**

**Numru 2**

**Rikors numru 871/2015/1 MCH**

**Anthony Calamatta u martu Nathalie Calamatta, John Attard u martu Denise Attard, Saviour Axiaq u martu Rosaria Axiaq, Emanuel Borg u martu Vivian Borg, Esprit Bray u martu Dolores Bray, Carmel Cassar u martu Lucia Cassar, Victor Cauchi u martu Marianne Cauchi, Louis Chircop u martu Doris Chircop, Emanuel Cuesta, Carmel Farrugia u martu Nicolina Farrugia, Doris Fenech, Aronne Genovese u martu Rita, Richard Palmier u martu Mary Palmier, Walter Powell u martu Annie Powell, George Psaila u martu Maria Psaila, Anthony Simler u martu Rose Simler, Francis Tanti u martu Theresa Tanti, Victor Tanti, Salvu Valletta, John Vella u martu Margaret Vella, Peter Paul Vella u martu Loreta Vella**

**u**

**Ines armla ta' George Atkins u wliedha Charles Atkins, David Atkins, Mary Anne Aquilina, Godwin Atkins, John Atkins, Jesmond Atkins, Patrick Atkins u dawn fir-rigward tal-pensjoni spettanti lill-mejjet George Atkins**

**u**

**Lilian armla ta’ Joseph Avellino u wliedha Adrian Paul Avellino, Simon Jude Avellino, Martin Raymond Avellino, Mark Joseph Avellino u dan fir-rigward tal-pensjoni spettanti lill-mejjet Joseph Avellino**

**u**

**Maria Theresa sive Terry Lubrano fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Lilian sive Mary Bencini**

**u**

**Giovanna armla ta' Alfred Bilocca u wliedha Anna mart Alfred Spiteri, Raymond Bilocca fir-rigward tal-pensjoni spettanti lill-mejjet Alfred Bilocca**

**u**

**Mary mart Francis Saviour Bonnett u wliedha Stephanie Micallef Bonnett, Josianne Ciantar Bonnett fir-rigward tal-pensjoni spettanti lill-mejjet Francis Saviour Bonnett**

**u**

**Anna Bonett Peplow, Victor Bonett u Marthese Bonett fir-rigward tal-pensjoni ta' Joseph Bonett**

**u**

**Grace Borg u wliedha John Borg, Carmelo Borg fir-rigward tal-pensjoni ta' Alexander Borg**

**u**

**Lilian Borg u wliedha Elisabeth Jane Chetcuti u Patricia Cocks fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Thomas Borg**

**u**

**Maria armla ta' Egidio Bugeja u wliedu Margaret mart Jesmond Mallia, Diana mart Alexander Azzopardi, Dionisio Bugeja, Aaron Bugeja u Stephen Bugeja fir-rigward tal-pensjoni ta' Egidio Bugeja**

**u**

**Jennifer Muscat u Nathalie Axisa fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil missierhom Edwin Caruana**

**u**

**Maria Stella armla ta' Joseph Cini u wliedha Mark Cini, Noel Cini u Michael Cini u dan fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Joseph Cini,**

**u**

**Rita armla ta' Joseph Curmi u wliedha Marion Sammut, Joseph Curmi, Charles Curmi, Gaetano Curmi, Bernadette Barbara fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Joseph Curmi**

**u**

**Maria Dolores armla ta' Vincent Cuschieri u wliedha Lawrence Cuschieri u Jonathan Cuschieri u dan fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Vincent Cuschieri**

**u**

**Emanuela sive Lilian armla ta' Felic Cutajar u bintha Miriam Caruana u dan fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Felic Cutajar**

**u**

**Pauline armla ta' Giuseppe Maria sive Joseph Cutajar u wliedha Norman Cutajar u Valerie mart John Borg Costanzi fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Giuseppe Maria sive Joseph Cutajar**

**u**

**Mireille armla ta' Richard Darmanin u dan fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Richard Darmanin**

**u**

**Joseph Debattista u Carmelo Debattista fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Lewis Debattista**

**u**

**Margaret armla ta' Carmel Falzon u wliedha Rosanne Sammut u Martin Falzon u dan fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Carmel Falzon**

**u**

**Rose Farrugia bħala armla ta' Robert Farrugia u dan fir-rigward tal-pensjoni riżultanti wara l-mewt ta' Robert Farrugia**

**u**

**Anne armla ta' Joseph Fenech u dan fir-rigward tal-pensjoni spettanti lilha wara l-mewt tal-imsemmi Joseph Fenech**

**u**

**Giorgina armla ta' Joseph Formosa u dan fir-rigward tal-pensjoni spettanti lilha wara l-mewt ta' żewġha Joseph Formosa**

**u**

**Maria armla ta' Francis Frendo u wliedha Joseph Frendo u Alexander Frendo u dan fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Francis Frendo**

**u**

**Albert Galdes bħala eredi ta' u fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil missieru Victor Galdes**

**u**

**Adeodata Galea, Vincenza Galea, Patri Cherubin Galea, Maria armla ta' Carmelo Galea, Godfrey Galea bħala eredi ta' u fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Lawrence Galea**

**u**

**Antida sive Aida armla ta' Carmelo Grech u wliedha Simone mart Michael Culver u Mark Grech fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Carmelo Grech**

**u**

**Carmela mart Peter Galea bħala eredi ta' u fir-rigward tal-pensjoni ta' oħtha Dolores Marmara**

**u**

**Mary mart John Marshall u wliedha Albert Marshall, Carmen Cilia, Monica Marmara, Vincent Marshall, Josephine Giordmaina u Noel Marshall u dan fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil John Marshall**

**u**

**Glorianne Sammut, Nadine Bencini, Mario Micallef Grimaud, fir-rigward tal-pensjoni ta' Aldo Micallef Grimaud**

**u**

**Antonia armla ta' Vincent Montanaro u wliedha Theresa Rizzo, Paul Montanaro u Mario Montanaro u dan fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Vincent Montanaro**

**u**

**Dolores armla ta' Attilio Pace flimkien ma' wliedha Anthony Pace u Victor Pace f'isem l-assenti Marika Seisun fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Attilio Pace**

**u**

**Josephine armla ta' Francis Pace u wliedha Carmen sive Lilian mart Raymond Vassallo, Frank Pace u Vincent Pace Demarco u dan fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Francis Pace**

**u**

**Josephine armla ta' Reginald Portelli flimkien ma' wliedha Josianne Xerri u Ivania Borg bħala eredi ta' u fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Reginald Portelli**

**u**

**Keith Poulton u Jeffrey Poulton bħala eredi ta' u fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Ralph Poulton**

**u**

**Charles Sacco f'ismu u f'isem ħuh assenti Frank Sacco, Dionisia sive Denise mart Ronald Cauchi, Antonia sive Ninette mart Anthony Gatt Hampton, Leonard Sacco u Paul Sacco bħala eredi ta' u fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Remigio Sacco**

**u**

**Paola armla ta' Michaelangelo Scerri u wliedha Noel Scerri, Doreen Gatt, Vincent Scerri bħala eredi ta' u fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Michaelangelo Scerri**

**u**

**Ethel armla ta' Carmelo Scicluna u wliedha Bernardette Cuschieri u Marica Debono bħala eredi ta' u fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Carmelo Scicluna**

**u**

**Elena armla ta' Maurice Tanti Burlo bħala eredi ta' u fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Maurice Tanti Burlo**

**u**

**Maria Casilda armla ta' Joseph Vella u Marco Vella bħala eredi ta' u fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Joseph Vella (219130M)**

**u**

**Rosina armla ta' Joseph Vella kif ukoll Maria Carmela sive Marica Camilleri u Simon Vella bħala eredi ta' u fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Joseph Vella (213626M)**

**u**

**Louise mart Dennis Dowling, Victoria Camilleri, Maria Carmela sive Lina von Brockdorff aħwa Xuereb, bħala eredi ta' u fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Mary Ann Xuereb**

**u**

**Rosaria armla ta' Paul Zrinzo u wliedha Josette Zrinzo, Maria Assunta mart Mario Mizzi, u Lawrence Paul Zrinzo bħala eredi ta' u fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Paul Zrinzo**

**u**

**b'digriet tat-22 ta' April 2016 Angelo Baldacchino, Theresa mart Eugenio Spiteri, Maria Concetta mart Thomas Theuma, Antoinette**

**mart Emanuel Bugeja u Maria Baldacchino intervenew fil-kawża bħala suċċessuri tal-mejjet missierhom Joseph Baldacchino**

**v.**

**Go plc (C 22334)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Ottubru, 2018, fejn din ċaħdet it-talbiet tal-atturi kollha biex Go plc twettaq skema ta' pensjoni għall-benefiċċju tagħhom minħabba li laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tas-16 ta' Settembru, 2015, l-atturi fissru li huma jew il-predeċessuri tagħhom, kienu daħlu jaħdmu ma' Rediffusion Limited sakemm ġew trasferiti mal-Korporazzjoni Telemalta u wara ma' Go plc. Huma baqgħu jaħdmu mal-kumpanija konvenuta sakemm irtiraw. Tennew ukoll, li bi ftehim tal-1 ta' Marzu, 1976, kif imħaqqaq bi ftehim ieħor tal-5 ta' Diċembru, 1981, il-Korporazzjoni Telemalta kienet intrabtet magħhom illi twettaq għall-benefiċċju tagħhom skema ta' pensjoni li tixbah lil dik li jħaddem il-Gvern.

3. Madankollu, Go plc, bħala s-suċċessur fit-titlu tal-Korporazzjoni Telemalta baqgħet ma waqqfitx din l-iskema ta' pensjoni u għalhekk, skont l-atturi, huma kienu spiċċaw imċaħħda mid-dritt li jirċievu pensjoni mingħandha. Minħabba f'hekk, l-atturi fetħu din il-kawża u talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiffissa żmien qasir u perentorju li fih is-soċjetà intimata għandha timplimenta l-iskema ta' pensjoni favur l-atturi bħala ex-impjegati tar-Rediffusion, jew is-suċċessuri tagħhom, u dan a bażi tal-ftehim li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 1975, liema skema għandha titqies li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 1975 u li għandha l-qafas tagħha l-Ordinanza tal-Pensjonijiet (Kap. 93) salv il-modifiki pattwiti, għandha tkun non-kontributorja u bl-ammont tal-pensjoni jkun sa massimu ta' żewġ terzi tal-aħħar salarju tal-impjegat konċernat u liema pensjoni titħallas malli jilħqu l-età ta' 60 sena jew meta jiġu medically boarded out, liema jiġi l-ewwel, bid-dritt tal-kommutazzjoni ta' parti mill-pensjoni kif kontemplat fl-imsemmija Ordinanza u bid-dritt ta' kumpens ekwivalenti għal sena paga għan-nisa li jkunu romlu waqt li żwieġhom kien għadu impjegat, u għandha titqies li tkun tikkomprendi l-artikoli 6, 7, 10, 12 u 13 sa 18 tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93), bil-modifiki meħtieġa minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u bil-modifiki meħtieġa minħabba dak li ġie espressament pattwit fil-ftehim li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 1975; u*
>
> *2. F'każ li jkun għadda inutilment it-terminu hekk prefiss, tiddikjara li dak il-ftehim jiġi jorbot bis-saħħa tal-istess sentenza;*
>
> *Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà intimata li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni.»*

4. Fis-7 ta' Ottubru, 2015, Go plc ressqet it-tweġiba maħlufa tagħha fejn qalet: (i) li l-atturi kellhom iġibu l-aħjar prova kemm dwar l-impjieg tagħhom jew tal-predeċessuri tagħhom ma' Rediffusion Limited, kif ukoll li huma kienu saru wkoll impjegati tal-Korporazzjoni Telemalta, u wara

ta' Go plc; (ii) li t-talbiet tal-atturi huma preskritti skont l-**Artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili**; u (iii) li f'kull każ it-talbiet tal-atturi mhumiex imsejsa la mill-fatti u lanqas bil-liġi u għalhekk għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontrihom.

5. B'sentenza mogħtija fit-23 ta' April, 2018, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qatgħet il-kawża billi: (i) laqgħet l-ewwel eċċezzjoni ta' Go plc fir-rigward: (a) tat-tnejn u għoxrin attur li rtiraw qabel ma twaqqfet Public Broadcasting Services Limited, li madankollu kienu jaħdmu fil-qasam tax-xandir u mhux fit-taqsima tat-telefonija, u li kienu jitħallsu minn Xandir Malta u għalhekk kull tagħrif dwarhom baqa' arkivjat minn Public Broadcasting Services Limited; (b) ta' sitt atturi li dwarhom ma nstab l-ebda tagħrif, u għalhekk dan jindika li dawn ma rtirawx mit-taqsima tat-telefonija; u (ċ) tal-atturi li ma ġewx indirizzati fil-proċess ta' verifika li twettaq minn Go plc; u b'hekk ċaħdet it-talbiet kif imressqa minnhom; (ii) laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-preskrizzjoni skont l-**Artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili** li tressqet minn Go plc u b'hekk ċaħdet it-talbiet kollha tal-atturi; u (iii) ordnat li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-atturi solidalment bejniethom.

6. Ir-raġunijiet mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għaliex iddeċidiet il-kawża b'dan il-mod kienu dawn:

> *«Din il-Qorti kkunsidrat il-fatt li s-soċjetà konvenuta aċċettat*

*li dawk l-individwi msemmija fl-ewwel u fit-tielet kategoriji elenkati qabel, bħala impjegati tagħha, ċjoè dawk li bdew mar-Rediffusion u eventwalment saru impjegati mat-Telemalta, kif ukoll dawk li ġew trasferiti minn Xandir Malta għal Telemalta u rtiraw wara s-sena 1991 mit-Telecoms Division fi ħdan il-Korporazzjoni, u għalhekk mhux meqjus meħtieġ li ssir indaġni ulterjuri fir-rigward tagħhom. Iżda jeħtieġ li din il-Qorti teżamina l-provi fir-rigward ta' dawk l-impjegati elenkati taħt iż-żewġ kategoriji l-oħra, hekk kif kontestati mis-soċjetà konvenuta, kif ukoll dawk it-tnax-il persuna li tħallew barra mill-analiżi magħmula minnha, sabiex jiġi determinat jekk l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta tirriżultax ġustifikata.*

*Jibda billi jiġi osservat illi mill-atti jirriżulta li fis-27 ta' Settembru, 1991, twaqqfet is-soċjetà PBS u li sar kuntratt bejn il-Korporazzjoni Telemalta u l-PBS fil-5 ta' Awwissu, 1992, li inter alia jipprovdi:*

*«In the second place by virtue of this same deed the appearer Doctor Richard Galea Debono on behalf of the Corporation does hereby sell, transfer and convey to the Company on whose behalf the appearer Roland Fiorini accepts buys and acquires: -*
*...*

*(2) All rights and claims (including litigious rights) and agreements regarding broadcasting services, of the Corporation against or with third parties (including any claims against the Broadcasting Authority) and all debts due to or by the Corporation regarding its broadcasting services, subject to all contractual obligations relating to any of the aforesaid rights, claims, agreements or debts. For the avoidance of any doubts the parties agree that this deed comprises all current assets and liabilities appearing on the audited balance sheet of the "Xandir Malta" division of the corporation as on the thirty-first of July of the year one thousand nine hundred and ninety-two.»*

*Is-soċjetà konvenuta, fin-nota tagħha tiċċita ġurisprudenza estensiva, fis-sens li meta l-PBS akkwistat l-assi ta' Xandir Malta, hija assumiet fuqha l-obbligi u l-pretensjonijiet, (inkluż id-drittijiet litiġjużi) li kienu jikkonċernaw lid-diviżjoni ta' Xandir Malta.*

*…*

*Din il-Qorti, wara li kkunsidrat il-klawsola kuntrattwali hawn qabel ċitata, taqbel mal-konklużjoni milħuqa mit-Tribunal kif appena ngħad u għalhekk għall-fini ta' din il-kawża, sa fejn il-pretensjoni għat-twaqqif ta' skema ta' pensjoni, tirrelata mal-impjegati li kienu jaħdmu fi ħdan it-taqsima ta' Xandir Malta, li kienu potenzjalment jiffurmaw parti mill-passiv tal-*

*Korporazzjoni Telemalta, permezz tal-imsemmi kuntratt, għaddew fuq il-PBS kwindi s-soċjetà konvenuta m'għandha ebda obbligu li tipprovdi skema ta' pensjoni għal dan il-grupp ta' impjegati.*

*Isegwi li għal dak li għandu x'jaqsam mal-individwi elenkati taħt it-tieni kategorija, għandha raġun is-soċjetà konvenuta meta tagħmel distinzjoni bejn l-impjegati ta' Xandir Malta u l-impjegati tat-Telecoms Division. Mill-Organisational Chart tal-Korporazzjoni Telemalta (a fol. 719 tal-proċess), jirriżulta li l-qasam tat-telekomunikazzjoni u l-qasam tax-xandir kienu jinżammu amministrattivament separati, u li l-finanzi ta' Xandir Malta kienu jinżammu separati minn dawk tat-telefonija, għalkemm fl-aħħar mill-aħħar, dawn kienu t-tnejn jaqgħu taħt l-istess Korporazzjoni Telemalta (ara f'dan is-sens ix-xhieda ta' Ayrton Caruana in kontro-ezami waqt is-seduta tal-4 ta' Diċembru, 2017), kif wara kollox jirriżulta mill-istess Annual Reports tal-Korporazzjoni Telemalta esebiti in atti (ara Dok. AC 1 a fol. 718 et seq tal-proċess). Mill-provi ma jirriżultax li Xandir Malta kienet xi entità legali separata, iżda taqsima fi ħdan il-korporazzjoni Telemalta, liema taqsima kienet taqa' taħt l-istess Bord tad-Diretturi tat-Telemalta. Madankollu permezz tal-kuntratt bejn il-Korporazzjoni Telemalta u l-PBS, din tal-aħħar assumiet ukoll l-obbligi kollha li setgħet kellha l-Korporazzjoni, fil-konfront tal-impjegati li kienu fil-qasam tax-Xandir, inkluż l-aspettattiva tagħhom li titwaqqaf skema ta' pensjoni.*

*Fir-rigward ta' dawn it-tnejn u għoxrin individwu, jew is-suċċessuri rispettivi tagħhom, fil-fehma ta' din il-Qorti tressqu provi li jixhdu li dawn tassew kienu impjegati mar-Rediffusion, li sussegwentement saru wkoll impjegati mal-Korporazzjoni Telemalta fi ħdan it-Taqsima ta' Xandir Malta, kif jirriżulta ampjament mid-dokumentazzjoni hawn taħt elenkata:*

| ***Isem*** | ***Dokumenti esebiti in atti*** |
|---|---|
| *Bencini Liliana* | *LB 3 a fol. 375; LB 21 a fol. 624; MV10 a fol. 681* |
| *Paulton Ralph* | *RPP9 a fol. 260; MV 21 a fol. 697* |
| *Borg Alexander* | *AB 3 u AB4 a fol. 410 u 411; AB 27 a fol. 625; MV13 a fol. 684* |
| *Bonnett Frank* | *FB20 a fol. 626; MV2 a fol. 661* |
| *Avellino Joseph* | *JA9 a fol. 627; MV1 a fol. 658* |
| *Atkins George* | *GA3 sa GA7 a fol. 357 sa 361; MV11 a fol. 682* |
| *Galdes Victor* | *VG1 u VG2 a fol 141 sa 144; VG 16 a fol. 629; MV 15 a fol. 686* |
| *Cutajar Felic* | *FC4 a fol. 495; FC 23 a fol. 630; MV 14 a fol. 685* |

| | |
|---|---|
| *Fenech Joseph* | *JF1 u JF2 a fol. 554 u 555; MV 9 a fol. 679* |
| *Marshall John* | *JM6 u JM7 a fol. 187 u 188* |
| *Caruana Edwin* | *EC 4 a fol. 456; EC 18 a fol. 631; MV8 a fol. 678* |
| *Galea Lawrence* | *LG4 a fol. 153; LG 15 a fol. 632; MV16 a fol. 688* |
| *Bonett Joseph* | *JB28 a fol. 633; MV7 a fol. 677* |
| *Grech Charles* | *CG8 a fol. 168* |
| *Bray Esprit* | *EB 19 a fol. 634; MV12 a fol. 683* |
| *Marmara Dolores* | *DM 14 a fol. 635; MV20 a fol. 692 sa 696* |
| *Cuschieri Vincent* | *VC7 a fol. 490* |
| *Powell Walter* | *WP 2 – WP4 a fol.262 sa 264; WP11 a fol.280; MV6 a fol. 675* |
| *Micallef Grimaud Aldo* | *CMG3a sa e a fol. 191 sa 195; AMG 13 a fol. 636; MV 22 a fol. 698* |
| *Axiaq Saviour* | *SJA2 u SJA3a a fol. 370 u 371; SA 4 a fol. 637; MV18 a fol. 690* |
| *Cuesta Emanuel* | *EC 8 a fol. 638* |
| *Valletta Salvu* | *SV12 a fol. 639* |

*Huwa minnu li mill-provi in atti jirriżulta li wħud minn dawn it-tnejn u għoxrin impjegat irtiraw qabel ma twaqqfet il-PBS u oħrajn ma jirriżultax meta rtiraw. Fi kwalunkwe każ, ladarba l-maġġoranza tal-provi in atti jindikaw li dawn l-impjegati kienu jaħdmu fil-qasam tax-xandir, jew in-nuqqas tal-atturi f'xi wħud mill-każijiet, li jippruvaw ma' liema taqsima tal-Korporazzjoni Telemalta kienu jaħdmu meta kien imiss lilhom iressqu prova konklussiva dwar il-leġittimazzjoni attiva tagħhom, din il-Qorti tqis f'postha l-eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta tan-nuqqas tal-leġittimazzjoni attiva ta' dawn l-atturi, jew tas-suċċessuri tagħhom, u għalhekk timmerita li tintlaqa'.*

*Imiss li jiġu trattati dawk l-impjegati taħt ir-raba' kategorija, hekk kif elenkati minn Ayrton Caruana, fejn ingħad li dawn ma nstab ebda file tagħhom, li fil-fehma tiegħu jindika li dawn ma rtirawx mit-Telecoms Division.*

| ***Isem*** | ***Dokumenti esebiti in atti*** |
|---|---|
| *Vella Joseph* | *JJV7 sa JJV9 a fol. 316 sa fol. 319* |
| *Chircop Louis* | *LC2 a sa LC3 a fol. 463 sa fol. 465; LC26 a fol. 642; MV19 a fol. 691* |
| *Genovese Aronne* | *AG2 a fol. 156; MV4 a fol. 666* |
| *Cini Joseph* | *GC5 a fol. 474* |
| *Cutajar Joseph* | *JMC6 a fol. 502* |
| *Vella Peter Paul* | *PPV1 a fol. 137; MV3 a fol. 662 sa 665* |

| | |
|---|---|
| *Fenech Doris* | *DF3 sa DF5 a fol. 551 sa 553; DF1 a fol. 643; MV17 a fol. 689* |

*Minn eżami tal-employment history records maħruġa mill-ETC fir-rigward ta' Joseph Vella, Louis Chircop u Joseph Cutajar, jirriżulta li dawn irtiraw minn mal-PBS. Filwaqt li l-impjegata Doris Fenech, spiċċat l-impieg tagħha minn ma' Malta Electronics Limited, u minn korrispondenza li nħarġet fl-1993 mill-PBS, fil-konfront ta' Peter Paul Vella, dawn id-dokumenti jsostnu l-posizzjoni tas-soċjetà konvenuta. Kwindi dawn il-ħames atturi wkoll ma jistgħux jitqiesu li kellhom leġittimazzjoni attiva sabiex iressqu din il-kawża. Fil-każ ta' Aronne Genovese u Joseph Cini, għalkemm dawn jirriżultaw li rtiraw minn mal-Korporazzjoni Telemalta fil-31 ta' Diċembru, 1992 u fid-29 ta' Mejju, 1993, rispettivament, ma jirriżultax minn liema taqsima rtiraw, kwindi dawn ukoll naqsu milli jippruvaw il-leġittimazzjoni attiva meħtieġa sabiex iressqu din il-kawża.*

*Jonqos li jiġu indirizzati dawk it-tnax-il individwu li skont l-atturi ma ġewx indirizzati fil-proċess ta' verifika mwettqa mis-soċjetà konvenuta. Fil-każ ta' dawn jirriżultaw is-segwenti dokumenti in sostenn tal-pretensjonijiet attriċi:*

| ***Isem*** | ***Dokumenti esebiti in atti*** |
|---|---|
| *Bugeja Egidio* | *EGB7 a fol. 451* |
| *Curmi Joseph* | *JC 5 u JC6 a fol. 480 u 481; JC24 a fol. 644* |
| *Darmanin Richard* | *RD3 a fol. 645* |
| *Falzon Carmel* | *CF2 sa CF4 a fol. 532 sa 534; CF7 a fol. 646* |
| *Formosa Joseph* | *JsF2 a fol. 557; JF5 a fol. 647* |
| *Sacco Remig* | |
| *Tanti Francis* | *FT2 u FT3 a fol. 297 u 298* |
| *Theuma Anthony* | |
| *Vella Joseph CJ* | *JV11 u 11A a fol. 648 u 649* |
| *Xerri Michael Angelo* | *MAX4 a fol. 343* |
| *Aquilina Lawrence* | |
| *Baldacchino Joseph* | *Dok. I a fol. 593 u JB 9 a fol. 651* |

*Għalkemm mad-daqqa t'għajn wieħed jaħseb li hemm tliet individwi li ma tressqu ebda provi dwar l-interess tagħhom f'din il-kawża, jiġi ppreċiżat li fil-każ ta' Lawrence Aquilina u Anthony Theuma, dawn ma jiffigurawx fil-lista tal-atturi li qegħdin iressqu l-azzjoni odjerna, kwindi ma għandhom ebda locus standi f'din il-kawża. Filwaqt li fil-każ tal-eredi ta' Remigio Sacco, Egidio Bugeja, Carmel Falzon u Joseph Baldacchino, dawn naqsu milli jressqu prova konklussiva dwar il-leġittimazzjoni attiva tagħhom, peress li fil-każ ta' Sacco ma tressqu ebda provi in atti, filwaqt li fil-każ ta' Bugeja, Falzon u Baldacchino għalkemm*

*impjegati fi ħdan il-Korporazzjoni, ma jirriżultax ma' liema sezzjoni kienu impjegati, kwindi ma jirriżultax li tressqu l-provi meħtieġa in sostenn tal-leġittimazzjoni attiva tagħhom. Fil-każ ta' Joseph Curmi, Richard Darmanin, Joseph Formosa, Francis Tanti, Joseph C. J. Vella u Michelangelo Xerri, jirriżulta mill-provi in atti li dawn kienu jaħdmu fil-qasam tax-xandir jew irtiraw mill-qasam tax-xandir, kwindi lanqas f'dan il-każ ma tirriżulta l-legittimazzjoni attiva tagħhom.*

*Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta qiegħda tintlaqa' biss fil-konfront ta' dawk l-atturi li jaqgħu taħt it-tieni u r-raba' kategoriji kif elenkati mix-xhud Ayrton Caruana, kif ukoll dawk li ma kienu jaqgħu taħt l-ebda kategorija, kif appena spjegat, mentri qiegħda tiġi miċħuda fil-konfront ta' dawk l-impjegati li jaqgħu taħt l-ewwel u t-tielet kategorija, bħala impjegati trasferiti fit-Telecoms Division jew li rtiraw wara s-sena 1991 mit-Telecoms Division, kif spjegat mill-istess Ayrton Caruana, li ex admissis għandhom il-leġittimazzjoni attiva meħtieġa.*

*Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta tista' tintlaqa' biss fil-konfront tal-atturi Charles Sacco f'ismu u f'isem ħuh assenti Frank Sacco, Dionisia sive Denise mart Ronald Cauchi, Antonia sive Ninette mart Anthony Gatt Hampton, Leonard Sacco u Paul Sacco bħala eredi ta' u fir-rigward tal-pensjoni spettanti lil Remigio Sacco, peress li naqsu milli jippruvaw li Remigio Sacco tassew kien impjegat mal-kumpanija Rediffusion (Malta) Limited, u li sussegwentement sar ukoll impjegat mal-Korporazzjoni Telemalta meta rtira.*

*Imiss li tiġi trattata t-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta, dik fejn jingħad li l-azzjoni attriċi hija preskritta ai termini tal-artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili. L-artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili, jipprovdi li:*

*«L-azzjonijiet kollha, reali, personali, jew misti jaqgħu bil-preskrizzjoni eghluq tletin sena, u ebda oppożizzjoni għall-preskrizzjoni ma tista' ssir minħabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi.»*

*Għalhekk s-soċjetà konvenuta qiegħda tinvoka l-preskrizzjoni trentennali estintiva, dik l-aktar twila, li jekk tiġi ppruvata, tista' toqtol kull forma ta' azzjoni. Jinsab paċifikament assodat fil-ġurisprudenza tagħna, illi:*

*«jekk bniedem ikun jaf bi stat ta' fatt li jkun jintitolah jeżerċita dritt u jħalli dak l-istat ta' fatt jipprogredixxi mingħajr ma jaġixxi għad-dritt, u fil-frattemp iż-żmien għal tali azzjoni ikun għadda, jiġi, fiċ-ċirkostanzi kongruwi, li hu jkun irrinunzja għall-prosegwiment ta' dak id-dritt" (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Pawlina Cachia vs Joseph Aquilina noe et deċiża fid-9 ta' Ġunju, 2004, kif ukoll dik fl-*

*ismijiet Carmelo Calleja vs Carmelo Sciortino deċiża fit-30 ta' Novembru, 1971).»*

*Madankollu għall-fini ta' din l-eccezzjoni, jeħtieġ li jiġi investit ukoll il-punt minn meta jibda jiddekorri t-terminu invokat. F'dan il-kuntest, jitqies rilevanti wkoll l-artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:*

*«Bla ħsara tad-disposizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li dik l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata mingħajr ma jittieħed qies ta' l-istat u tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.»*

*(Ara f'dan ir-rigward is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Joseph Stivala vs Prof. Joseph Colombo, deċiża fid-9 ta' Jannar, 1953). Huwa ritenut li t-test li trid il-liġi huwa dak oġġettiv, dipendenti mill-fatti li fuqhom isejsu l-azzjoni tagħhom l-atturi u mhux it-test soġġettiv għall-persuni ta' l-atturi (jew tal-predeċessuri tagħhom), u ċjoè jekk dawn kinux jew le f'kundizzjoni li jaġixxu. Il-Qorti tal-Appell Superjuri, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Raphael Micallef vs Anthony Agius, deċiża fis-6 ta' Ottubru, 2000, irriteniet illi:*

*«it-test li trid il-liġi allura kien dak oġġettiv, dipendenti mill-fatt li minnhom joriġina d-dritt tal-attur li jaġixxi, mhux it-test soġġettiv għall-persuna tal-attur, u ċjoè jekk din kinitx jew le f'kundizzjoni li taġixxi, tkun xi tkun ir-raġuni.*

*Inoltre l-inerzja ma timpedix id-dekors ta' terminu preskrittiv, sakemm din l-inerzja ma tkunx dovuta għall-impossibilità li l-attur jaġixxi. Madankollu, kif jinsab ritenut fis-sentenza fl-ismijiet Diego Attard et nomine vs Angelo Fenech, (App Kum 15/02/1965):*

*l-impossibiltà li wieħed jaġixxi trid tkun impossibilità indipendenti mill-volontà tieghu, dovuta għal kawża estranea, li huwa ma setax jirrimwovi. Is-sempliċi injoranza tad-dritt, fiha nfisha, mhijiex impediment ta' din ix-xorta.*

*Naturalment bħal fil-każijiet kollha fejn tiġi eċċepita l-preskrizzjoni, din l-eċċezzjoni tista' tiġi kkontrastata bil-prova tal-interruzzjoni tagħha "Provocata la prescrizione incombe all'attore di provare la sua interruzione; ed in difetto di tale prova, l'eccezione di prescrizione non può essere rigettata" (Vol. XIX P I p 5). Dan proprju għaliex il-preskrizzjoni toħloq l-estinzjoni tal-obbligazzjoni. Dan unikament fuq id-dekors taż-żmien u l-inazzjoni tal-kreditur.»*

*Trattati l-prinċipji legali ritenuti rilevanti fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni, meta din il-Qorti tapplika dawn il-prinċipji għall-fatti tal-każ in eżami, jirriżulta li l-atturi qegħdin iressqu l-kawża tagħhom a bażi ta' ftehim li ġie ffirmat fl-1 ta' Marzu 1976, hekk kif ikkonfermat bi ftehim ieħor f'Diċembru, 1981. Tant hu hekk, li fil-ħames premessa tar-rikors promotur jingħad li d-dritt tal-*

*atturi twieled mal-istess ftehim, kif ukoll l-ewwel talba attriċi tikkonsisti f'talba għall-implimentazzjoni tal-iskema tal-pensjonijiet a bażi tal-ftehim inkwistjoni. L-obbligazzjoni da parti tal-Korporazzjoni Telemalta li twaqqaf skema ta' pensjoni joriġina minn dawn iż-żewġ kitbiet. Ġaladarba d-dritt vantat mill-atturi skatta permezz tal-ftehim tas-sena 1976, hekk kif konfermat b'dak tas-sena 1981, huwa ritenut li minn hawn skatta t-terminu li fih l-atturi setgħu jressqu t-talbiet tagħhom sabiex l-istess ftehim jingħata effett, kif wara kollox qegħdin jagħmlu permezz ta' din il-kawża (u mhux meta huma rtiraw mill-impieg tagħhom kif jikkontendu l-atturi).*

*Dan jingħad peress li l-atturi li kienu jafu b'dan id-dritt sa mis-sena 1975 u l-ftehim kollettiv iffirmat mir-rappreżentanti tal-ħaddiema, li qabel kienu impjegati mar-Rediffusion, li kien jorbot lill-Korporazzjoni twaqqaf skema ta' pensjoni simili għal dik tal-Gvern, ġie ffirmat fl-1 ta' Marzu, 1976. Għalhekk jista' jingħad li oġġettivament, minn hemm skatta d-dritt taghhom li jeżiġu li titwaqqaf tali skema. Filwaqt li sa fejn il-ftehim tas-sena 1981, ikkonferma l-intenzjoni li tiġi introdotta l-iskema tal-pensjoni, dan jammonta għal rikonoxximent ta' obbligazzjoni, li permezz tagħha jista' jitqies li ġiet interrotta l-preskrizzjoni. Iżda minn Diċembru tas-sena 1981, beda jiddekorri mill-ġdid it-terminu ta' preskrizzjoni u għalhekk għaddew ben oltre tletin sena sakemm l-atturi ressqu l-azzjoni odjerna, f'Settembru, 2015. L-atturi ma ressqu ebda prova li dan il-perijodu ta' madwar erbgħa u tletin sena ġie interrott jew sospiż jew li saret xi forma ta' rinunzja għall-preskrizzjoni da parti tas-soċjetà konvenuta.*

*L-atturi ressqu wkoll kopja in atti, ta' sentenza (Ċit Nru 480/2002, Francis Paris et vs Maltacom plc, App 07/07/2008, esebita bħal Dok. C a fol. 44 et seq tal-process) li kienet titratta kwistjoni simili ta' ħaddiema li kienu impjegati mal-Cable and Wireless Limited, li sussegwentement ukoll ġew assorbiti fil-Korporazzjoni Telemalta, li kellhom ftehim simili, iżda separat minn dak tal-atturi f'din il-kawża. Għalkemm dik il-kawża kellha mertu identiku għal dak in eżami, iżda tressqet bosta snin qabel il-kawża odjerna. Dik is-sentenza għalkemm meqjusa relevanti fil-mertu, in kwantu għall-prinċipji li jitnisslu minnha, ma għandha ebda effett fil-konfront tal-atturi f'din il-kawża bħala ex-impjegati tar-Rediffusion. Dan jingħad peress li huwa ritenut li dik is-sentenza tal-Qorti tagħmel biss stat fil-konfront tal-partijiet fil-kawża u ma jista' jkollha ebda effett fil-konfront ta' terzi (l-atturi odjerni) li ma kinux parti fil-kawża. L-atturi lanqas ma ressqu xi prova dwar xi impediment legali jew xi ħjiel ta' impossibilità dovuta għal xi kawża estranja, li kienet twaqqafhom milli jressqu l-azzjoni odjerna fil-waqt opportun.*

*Effettivament, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, l-atturi jagħmlu referenza għas-sentenzi fl-ismijiet Francis Paris et vs Maltacom plc, kemm dik deċiża mill-Qorti tal-Appell tas-7 ta' Lulju, 2008, kif ukoll dik fl-istess ismijiet, deċiża minn din il-Qorti (diversament preseduta) fid-29 ta' Marzu, 2011. Iżda jiġi sottolinjat li meta dawn is-sentenzi ċaħdu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, kienu qegħdin jitrattaw il-preskrizzjoni kwinkwennali kif maħsuba taħt l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili, differenti minn dik imqanqla fil-każ in eżami. Interessanti wkoll hija li fl-ewwel kawża, il-preskrizzjoni kwinkwennali ma kinitx ritenuta applikabbli peress li t-talba ma kinitx waħda għall-ħlas ta' kreditu (obbligazzjoni di dare) ai termini tal-artikolu 2156(f), iżda kien qiegħed jintalab li s-soċjetà konvenuta tagħmel xi ħaġa (obbligazzjoni di fare), proprju bħall-każ in eżami. Kwindi kien ritenut li l-artikolu 2156(f) ma japplikax għal din it-tip ta' azzjoni. Mentri fit-tieni sentenza li l-atturi jagħmlu referenza għaliha, kien qiegħed jintalab ħlas ta' arretrati ta' pensjoni u imgħax, fejn ingħad li dawk l-atturi saru jafu li għandhom dritt għall-pensjoni meta s-sentenza tal-Qorti tal-Appell għaddiet in ġudikat u mhux qabel. Isegwi li s-sentenzi ċitati mill-atturi ma kinux jitrattaw l-istess artikolu li ġie indirizzat f'din il-kawża u għalhekk mhumiex daqstant relevanti.*

*Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tas-soċjetà konvenuta li d-dritt ta' azzjoni ma twelidx mad-data tal-irtirar tal-atturi, iżda ladarba huma permezz tal-azzjoni odjerna talbu li jiġi ordnat lis-soċjetà konvenuta twaqqaf l-iskema ta' pensjoni, id-dritt ta' azzjoni skatta fil-mument li tali dritt ingħata lilhom u mhux meta l-atturi għalqu s-sittin sena (Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti (diversament preseduta) fil-kawża fl-ismijiet Joseph Attard et vs Onorevoli Prim Ministru et deċiża fil-11 ta' Ottubru, 2012). Isegwi li ladarba laħqu ddekkorrew aktar mit-tletin sena, kif provdut fl-artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili, bejn l-aħħar ftehim li fuqu jsejsu t-talbiet tagħhom l-atturi sa meta huma intavolaw din il-kawża, din il-Qorti m'għandhiex triq oħra ħlief li tilqa' t-tieni eċċezzjoni mressqa mis-soċjetà konvenuta u tiddikjara l-azzjoni attriċi bħala preskritta.»*

7. L-atturi appellaw minn din is-sentenza fil-5 ta' Novembru, 2018 u ressqu żewġ aggravji fejn fihom ilmentaw: (i) li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tagħżel bejn il-kategoriji differenti tal-atturi għaliex ilkoll kemm huma kellhom il-jedd li jitolbu lill-kumpanija konvenuta twettaq skema ta' pensjoni għall-benefiċċju tagħhom, u (ii) li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni

ma kellhiex tintlaqa' mill-Ewwel Qorti għaliex skonthom id-dritt ta' individwu li jitlob it-twettiq ta' skema ta' pensjoni jitlaq minn meta huwa jilħaq l-età pensjonsabbli u jibqa' fis-seħħ sakemm huwa jibqa' ħaj.

8. Go plc wieġbet għal dan l-appell fit-30 ta' Novembru, 2018, u hemmhekk hija tat ir-raġunijiet tagħha għalfejn hija temmen li l-appell tal-atturi għandu jiġi miċħud.

9. Inżamm smigħ fit-28 ta' Frar, 2023 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

10. Għalkemm l-atturi ressqu l-ilment dwar l-ilqugħ tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fit-**<u>tieni aggravju</u>** tagħhom, il-Qorti tħoss li jagħmel aktar sens, mil-lat prattiku, li hija tibda billi l-ewwel tqis dan l-aggravju. Tassew, jekk din il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, kif imressqa minn Go plc, hija waħda siewja, din il-Qorti ma jkollha l-ebda dmir li tqis ukoll l-ewwel aggravju tal-atturi għaliex l-ilqugħ ta' din l-eċċezzjoni jxekkel lill-atturi kollha milli jissoktaw bl-azzjoni tagħhom.

11. F'dan l-aggravju tagħhom l-atturi jtennu li huma ma jaqblu xejn mal-Ewwel Qorti fejn hija sabet li huma setgħu jressqu din l-azzjoni sa

mis-sena 1981 u b'hekk laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' tletin sena, kif imqanqla minn Go plc. Huma jgħidu li kull attur kellu stennija leġittima li huwa jirċievi pensjoni mingħand Go plc kemm-il darba huwa jkun laħaq il-kriterji meħtieġa biex jirċievi l-pensjoni.

12. L-atturi jisħqu li huma m'għandhom l-ebda jedd li jitolbu t-twaqqif ta' skema ta' pensjoni għall-benefiċċju tagħhom qabel ma huma jilħqu l-età pensjonabbli. Skonthom, kull talba bħal din, li ssir qabel ma tintlaħaq din il-mira, tkun saret qabel il-waqt. Għalhekk, fil-fehma tagħhom, kull jedd ta' kull wieħed minnhom li jirċievi pensjoni jitlaq mill-mument li huwa jirtira bl-età, sakemm ma jkunx ġie *medically boarded out.* Jiġi b'hekk, li għall-atturi huwa minn dak il-punt li jibda miexi ż-żmien ta' preskrizzjoni.

13. Iżidu li huma ma jaqblux mar-raġunament milħuq fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Attard et v. Onorevoli Prim Ministru ta' Malta et***, li ġiet deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Ottubru, 2012. F'kull każ, huma jisħqu li l-Ewwel Qorti ma kinitx siewja meta mxiet ma' dak li kien inżamm f'dik is-sentenza għaliex it-talbiet tal-atturi huma differenti minn dak li kien intalab f'dik il-kawża.

14. Filwaqt li jagħmlu referenza, (i) għas-sentenza fl-ismijiet ***Carmelo Dalli et v. Go plc***, li ġiet deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta'

Ottubru, 2010, (ii) għas-sentenza fl-ismijiet ***Francis Paris et v. Go plc***, li ġiet deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Marzu, 2011, u (iii) għall-**Artikolu 2137 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, huma jinsistu li l-preskrizzjoni estintiva titlaq timxi biss minn meta ħaddiem jirtira għaliex huwa minn dakinhar biss li skonthom huwa jista' jniedi azzjoni biex jitħallas il-pensjoni. Minbarra dan, huma jgħidu li f'kull każ, id-dritt ta' pensjoni ma jistax jiġi preskritt għaliex dan il-jedd jibqa' fis-seħħ sakemm persuna ddum ħajja.

15. Il-Qorti tqis li bi ftehim tal-1 ta' Marzu, 1976, il-Korporazzjoni Telemalta, li hija l-predeċessur fit-titolu ta' Go plc, kienet intrabtet li twettaq skema ta' pensjoni li tixbah lil dik imħaddma mill-Gvern għall-benefiċċju tal-ħaddiema tagħha. Il-klawsola inkwistjoni li biha nħolqot din l-obbligazzjoni ma ssemmi xejn dwar meta kellha titwaqqaf din l-iskema. Aktar tard, il-kontenut ta' dan il-ftehim ġie mħaqqaq bi ftehim ieħor li sar fil-5 ta' Diċembru, 1981.

16. Għalkemm l-atturi jisħqu bil-ħrara li ż-żmien tal-preskrizzjoni biex huma jfittxu lil Go plc u jġiegħluha ddaħħal fis-seħħ skema ta' pensjoni għall-benefiċċju tagħhom, għandu jibda miexi biss minn meta huma jilħqu l-età tal-pensjoni, din il-Qorti ma tistax taqbel magħhom.

17. Ħarsa lejn it-talbiet imressqa mill-atturi turik li huma mhumiex

qegħdin jitolbu li jitħallsu xi kreditu mingħand Go plc. Ir-rimedju li huma qegħdin jitolbu permezz ta' din il-kawża huwa li Go plc toqgħod għall-obbligazzjoni li hija ntrabtet biha favur tagħhom u li b'hekk tniedi skema ta' pensjoni għall-benefiċċju tagħhom. Jiġi b'hekk, li l-obbligazzjoni li fuqha huma qegħdin isejsu l-kawża tagħhom hija waħda *di fare* u mhux *di dare*. Għalhekk, din il-Qorti ma tifhimx kif it-talbiet tagħhom huma differenti minn dawk magħmula fil-kawża ta' ***Joseph Attard et v. Onorevoli Prim Ministru ta' Malta et***.

18. Biex wieħed jistħarreġ b'mod tajjeb din il-pretensjoni tal-atturi, wieħed jeħtieġlu jifred minn xulxin l-effett tal-obligazzjoni, jiġifieri l-ħlas ta' pensjoni, u r-rimedju tat-tnedija tal-iskema tal-pensjoni kif mitlub mill-atturi (ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet ***Francis Paris et v. Maltacom p.l.c.***, Appell fis-7 ta' Lulju, 2008). Sewwasew, ir-rimedju li qiegħed jintalab mill-atturi mhuwiex dak li huma jitħallsu l-pensjoni meta jirtiraw iżda li qabel xejn titwettaq skema li abbażi tagħha huma jkunu jistgħu japplikaw għall-pensjoni, ladarba huma jsiru eliġibbli għaliha. Tassew, ma kien ikun jagħmel l-ebda sens li l-atturi jitolbu mingħand Go plc il-ħlas ta' pensjoni meta din għad m'għandhiex skema ta' pensjoni fis-seħħ għall-vantaġġ tagħhom.

19. Għalhekk, ladarba f'din il-kawża l-atturi mhumiex qegħdin jitolbu l-ħlas ta' pensjoni iżda qegħdin jitolbu biss it-twettiq tal-iskema ta'

pensjoni, is-sentenzi ta' ***Carmelo Dalli et v. Go plc*** u ***Francis Paris et v. Go plc***, li huma jagħmlu referenza għalihom fl-aggravju tagħhom, ma jistgħu jkunu tal-ebda fejda għalihom.

20. Kif ingħad aktar 'il fuq, il-ftehim tal-1 ta' Marzu, 1976 ma jsemmi xejn dwar meta kellha titwaqqaf l-iskema ta' pensjoni inkwistjoni. Skont il-liġi, jekk kemm-il darba x-xorta tal-obbligazzjoni, il-mod ta' kif għandha titwettaq jew il-lok fejn ikun ġie miftiehem li titwettaq, ma jġibux magħhom il-ħtieġa ta' żmien, l-obbligazzjoni għandha titwettaq minnufih (ara l-**Artikolu 1077 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**).

21. Il-liġi ma tfissirx il-kelma "minnufih" u għalhekk it-tifsira tagħha hija mħollija fid-diskrezzjoni prudenti ta' min ikun qiegħed jiġġudika, li jrid jasal għaliha billi jiżen bir-reqqa l-fatti li jkollu quddiemu. Jekk imbagħad minħabba x-xorta tal-obbligazzjoni għandu jinftiehem li l-partijiet riedu li din tkun eżegwita fi żmien raġonevoli, u dak iż-żmien ikun għadda, il-kreditur tal-obbligazzjoni għandu l-jedd li jitlob lill-qorti biex tiffissa żmien preċiż u ċert li fih id-debitur għandu jwettaq l-obbligu tiegħu (ara ***Mile End Services Limited v. Max-Quartz Limited***, Appell Inferjuri, 13 ta' Ġunju, 2008).

22. Madankollu, il-kreditur tal-obbligazzjoni huwa biss imħolli jagħmel dan jekk kemm-il darba huwa jkun sejjaħ lid-debitur b'att ġudizzjarju u

qiegħdu f'*mora* minħabba n-nuqqas tat-twettiq tal-obbligazzjoni (ara l-**Artikolu 1130(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta** u s-sentenzi fl-ismijiet ***Maria Carmela sive Mary Zammit Tabona et v. Emmanuele Borg***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Marzu, 1965 (Kollez. Vol: **XLIX.ii.834**), ***Silvio Mifsud noe et v. Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi***, Appell Kummerċjali, 7 ta' April, 1986 (Kollez. Vol: **LXX.ii.296**), u ***Emanuel Grech et noe v. Emanuel Muscat et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 6 ta' Ottubru, 2005).

23. Il-Qorti tqis li l-atturi ilhom jafu bid-dritt tagħhom li titwaqqaf skema ta' pensjoni għall-benefiċċju tagħhom sa minn meta ġie milħuq il-ftehim tal-1 ta' Marzu, 1976 għaliex dan kien ġie ffirmat mir-rappreżentanti tagħhom. Għalkemm dan il-jedd tagħhom ġie magħruf għal darb'oħra fi ftehim ieħor li kien sar bejn il-Korporazzjoni Telemalta u r-rappreżentanti tal-atturi fil-5 ta' Diċembru, 1981, jidher li minn dakinhar sa meta fetħu l-kawża fl-2015, l-atturi ma ħadu l-ebda pass biex Go plc jew il-predeċessuri fit-titlu tagħha jwaqqfu din l-iskema ta' pensjoni. Kemm hu hekk, mill-atti ma jirriżultax li huma fittxew li jqiegħdu lil Go plc jew lill-predeċessuri tagħha f'*mora* permezz ta' att ġudizzjarju skont l-**Artikolu 1130(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta** minħabba li wara għexieren ta' snin, l-obbligazzjoni kienet baqgħet ma twettqitx. L-ewwel azzjoni ġudizzjarja li ħadu l-atturi kienet sewwasew fl-2015, meta huma fetħu din il-kawża.

24. Minn dak li tressaq bħala prova waqt is-smigħ ta' din il-kawża ma jirriżultax li l-atturi kienu, b'xi manjiera, imxekklin milli jaġixxu kontra Go plc jew il-predeċessuri tagħha biex tiġi mnedija l-iskema. Fuq kollox, l-impossibiltà li wieħed jieħu l-passi meħtieġa trid tkun waħda lil hinn mir-rieda tiegħu u trid tkun ġejja minn għajn barranija li wieħed ma jkunx jista' jwarrab. Tassew, is-sempliċi injoranza tad-dritt min-naħa ta' min kellu jieħu azzjoni, fiha nfisha, ma tistax titqies bħala xkiel għall-jedd ta' azzjoni (ara ***Paolo Koludrovich v. Carmelo Muscat***, Appell Kummerċjali, 1 ta' Ġunju, 1959 (Kollez. Vol: **XLIII.i.518**), ***Diego Attard et nomine v. Angelo Fenech***, Appell Kummerċjali, 15 ta' Frar, 1965 u ***Joseph Chircop et v. Salvatore Muscat noe***, Appell Ċivili, 28 ta' April, 2000).

25. Sewwasew fil-każ tagħna, l-atturi ma jistgħux jgħidu li huma kienu mxekkla milli jimxu kontra Go plc jew il-predeċessuri tagħha minħabba li huma kienu għadhom ma laħqux l-età pensjonabbli tagħhom. Kif rajna aktar 'il fuq, l-azzjoni tagħhom mhijiex maħsuba biex huma jibdew jirċievu pensjoni iżda biex meta jirtiraw bl-età jkun hemm fis-seħħ skema ta' pensjoni li fuq is-saħħa tagħha huma jkunu jistgħu japplikaw biex jibdew jirċievu pensjoni. Għalhekk huma ma jistgħu jsibu l-ebda serħan fl-aforiżma *«contra non valentem agere non currit prescriptio»*.

26. Fuq kollox, il-Qorti tqis li ma kien hemm xejn xi jżomm lil din l-iskema ta' pensjoni milli tiġi mwaqqfa, kemm wara l-ftehim li seħħ fl-1976 u kif ukoll wara dak li seħħ fl-1981. Tassew, bid-dħul fis-seħħ tal-**Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta (Kap. 250 tal-Liġijiet ta' Malta)** fl-24 ta' Ġunju, 1975 permezz tal-**Att XVI tal-1975**, il-qafas legali biex il-Korporazzjoni Telemalta tniedi skema ta' pensjoni għall-ħaddiema tagħha kien diġà maħsub (ara l-**Artikolu 29** tiegħu).

27. Meqjus dan kollu, għall-għanijiet tal-**Artikolu 1077 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, din il-Qorti ssib li l-obbligazzjoni tat-twaqqif tal-iskema ta' pensjoni kellha titwettaq minnufih wara li ntlaħaq il-ftehim tal-1 ta' Marzu, 1976. Skont it-tagħlim tal-ġurist **Giorgi** (ara *Obbligazione* Vol. VIII, p. 594) l-*initium praescriptionis* jibda mill-*exordium obligationis*, jiġifieri minn meta l-obbligazzjoni, f'dan il-każ l-obbligazzjoni tat-twaqqif tal-iskema, tkun tista' tintalab (ara wkoll ***Mario Testa v. Alfred Theuma et***, Appell Inferjuri, 12 ta' Mejju, 2003 u ***George Grixti v. Josephine Micallef et***, Appell Superjuri, 24 ta' Novembru, 2017).

28. Għalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, għall-għanijiet tal-**Artikolu 2137 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta**, iż-żmien biex l-atturi jitolbu t-tnedija tal-iskema ta' pensjoni beda miexi fl-1 ta' Marzu, 1976 għaliex kien minn dakinhar li l-iskema setgħet titwaqqaf jew tintalab li titwaqqaf. Minħabba li l-jedd tal-atturi ġie magħruf fi ftehim ieħor li sar fil-5 ta'

Diċembru, 1981, mal-mument tal-għarfien tal-jedd, il-preskrizzjoni ġiet miksura skont l-**Artikolu 2133 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, u għalhekk iż-żmien ta' preskrizzjoni ta' tletin sena skont l-**Artikolu 2143 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta** beda miexi mill-ġdid, mill-bidu tiegħu, minn dakinhar.

29. Il-Qorti fliet l-atti tal-kawża u ma jidhrilhiex li ż-żmien ta' preskrizzjoni ta' tletin sena reġa' ġie miksur jew sospiż wara l-5 ta' Diċembru, 1981. Lanqas jirriżulta li Go plc irrinunzjat għal dan iż-żmien ta' preskrizzjoni. Tassew, minn dakinhar sa meta l-atturi fetħu din il-kawża fis-16 ta' Settembru, 2015, għaddew aktar minn tletin sena u b'hekk jiġi li l-atturi tilfu l-jedd tagħhom li jitolbu t-twaqqif ta' skema ta' pensjoni minn Go plc.

30. Bħala għeluq, jingħad li l-atturi fiż-żgur ma jistgħux iqabblu s-sitwazzjoni tagħhom ma' dik tal-atturi fil-kawża ta' ***Francis Paris et v. Go plc***, li ġiet deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Marzu, 2011, li huma jsemmu fir-rikors tal-appell tagħhom.

31. Huwa minnu li meta azzjoni ġudizzjarja tkun tiddependi minn pronunzjament ġudizzjarju ieħor li jkun għadu ma ngħatax, dan il-fatt ma jippermettix li jibda u jibqa' miexi ż-żmien ta' preskrizzjoni (ara ***Caterina Gerada et v. Dr. Antonio Caruana noe***, Appell Kummerċjali, 30 ta'

Mejju, 1969, ***Bartolomeo Xuereb v. Carmelo Zammit***, Appell Kummerċjali, 9 ta' Marzu, 1994, **P.L. John Privitera nomine v. P.L. Ivo Galea et**, Appell Ċivili, 1 ta' Diċembru, 2000 u ***Hompesch Station Limited v. Korporazzjoni Enemalta et***, Appell Ċivili, 21 ta' Ottubru, 2021).

32. Fil-każ ta' ***Francis Paris et***, l-atturi kienu l-ewwel kisbu deċiżjoni mill-Qorti biex Go plc twettaq skema ta' pensjoni għall-benefiċċju tagħhom u mbagħad imxew billi fetħu kawża oħra biex, bis-saħħa ta' dik is-sentenza, huma jitħallsu l-pensjoni mingħandha. Għalhekk f'dik il-kawża, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet siewja meta sabet li l-preskrizzjoni kienet bdiet miexja biss mid-data tas-sentenza li l-atturi kienu kisbu biex titwettaq l-iskema ta' pensjoni.

33. Madankollu, b'differenza għall-kawża ta' ***Francis Paris et***, din l-azzjoni tal-atturi ma tiddependi fuq l-ebda kawża oħra għaliex, kif diġà rajna, b'din il-kawża l-atturi sempliċiment qegħdin jitolbu t-twaqqif ta' skema ta' pensjoni għall-benefiċċju tagħhom minn Go plc u mhux li huma jitħallsu pensjoni mingħandha. Għaldaqstant, l-argumenti mressqa mill-atturi fir-rikors tal-appell tagħhom m'għandhomx mis-sewwa.

34. Għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, it-tieni aggravju tal-atturi qiegħed

jiġi miċħud.

35. Naturalment, billi din il-Qorti qiegħda tikkonferma s-siwi tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva mressqa minn Go plc, din il-Qorti ma għandhiex għalfejn tqis l-ewwel aggravju.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell tal-atturi u b'hekk tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn sabet li l-azzjoni tal-attriċi hija preskitta bil-mogħdija ta' tletin sena.

L-ispejjeż tal-kawża, kemm dawk tal-ewwel grad u kif ukoll dawk marbuta mal-appell tal-atturi għandhom jitħallsu kollha mill-atturi solidalment bejniethom; għajr dawk tal-intervenuti, li għandhom jitħallsu minnhom stess.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph R. Micallef<br>Aġent President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr